**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Pembroke

# TMINN LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 14/2020

**It-Tlieta 15 ta' Diċembru, 2020**

Il-Kunsill Lokali Pembroke ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Alamein, Pembroke, fl-4:30 ta' wara nofsinhar.

**PREŻENTI:**

Dean Hili – Sindku
Omar Elaref Arab – Viċi Sindku
Désirée Vella Brincat – Kunsillier (virtwalment)
Charles Cesare – Kunsillier
Raymond Lanzon – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ħadd

**ASSENTI**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Kevin Borg – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Dean Hili ppresjeda l-laqgħa.

## 14.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji.

14.1.1. Is-Sindku Dean Hili wara l'innota li l-membri kollha kienu preżenti, għadda għall-item li kien imiss.

## 14.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 13/K8/2020.

14.2.1 Is-Sindku Dean Hili ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti referenza 13/K8/2020 kif ippreżentati.

14.2.2 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

14.2.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 14.3 Komunikazzjoni mis-Sindku.

**46/5129/20/I** Email mingħand Eurbasket Wolves jitolbu laqgħa mal-Kunsill dwar id-diskussjonijiet relatata mal-isem tal-klabb.

14.3.1 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/5129/20/I** fejn ippropona l'issir din il-laqgħa.

14.3.2 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

14.3.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5185/20/I** Email mingħand id-DG għall-Gvern Lokali dwar it-tnedija tal-proċess għas-sejħa ta' interess għall-Kapitali Ewropea tal-Kultura 2031.

14.3.4 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/5185/20/I** fejn ippropona li l-Kunsill jinforma lir-Reġjun Tramuntana li l-Kunsill Lokali Pembroke jixtieq li jkun ikkunsidrat speċjalment mill-lat sportiv fid-dawl tan-numru t'entitajiet sportivi li hawn fil-lokal.

14.3.5 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

14.3.6 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5199/20/I** Rapport mingħand il-CM dwar tabelli li hemm bżonn li jiġu rranġata.

14.3.7 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/5199/20/I** fejn ippropona li t-tabelli li hemm bżonn għandhom jiġu ordnata.

14.3.8 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

14.3.9 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5210/20/I** Skema mil-iStrategy and Policy Implementation Local Government Division SPI.SCI.7.2020. Espressjoni ta' Interess - 'Smart Solutions' għall-Immaniġġjar tal-Iskart.

14.3.10 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/5210/20/I** fejn ippropona li l-Kunsill huwa interessat li jkollu aktar informazzjoni mir-Reġjun Tramuntana dwar il-livell t'involviment tiegħu f'tali applikazzjonijiet u kif ir-Reġjun ser jimpatta f'kulinkwa proposta li l-Kunsill jiddeċiedi li jagħmel wara li jkollu din l-informazzjoni.

14.3.11 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

14.3.12 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5213/20/I** Email relatata ma' PA **02768/17** fejn qed jitlob li tiġi rilaxxata l-Garanzija Bankarja li għandu mal-PA dwar l-istat tal-bankina.

14.3.13 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/5213/20/I** fejn ippropona li l-Kunsill għandu jinforma lill-PA li din il-garanzija għandha tiġi rilaxxata.

14.3.14 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

14.3.15 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5245/20/I** Email mingħand Sprachcaffe jitolbu li għas-spejjeż tagħhom titneħħa siġra li hemm biswit il-main tad-dranaġġ minħabba li l-għeruq qed jagħmlu ħsara fis-sistema tad-dranaġġ tagħhom.

14.3.16 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/5245/20/I** fejn ippropona li l-Kunsill filwaqt li fil-prinċipju jaqbel li għandha tinstab soluzzjoni, il-Kunsill għandu jitlob laqgħa mad-diriġenti sabiex jiġu jipprovdu lill-Kunsill kull informazzjoni li għandhom dwar il-ħsara li qed jallegaw li qed issir kif ukoll tiġi esplorata kull possibilità' qabel ma tittieħed id-deċiżjoni li din is-siġra tinqala.

14.3.17 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

14.3.18 Il-Kunsill qabel unanimament.

14.3.19 Is-Sindku Dean Hili informa lill-Kunsill li l-Pembroke Swieqi Community Police talbu li jibdew jiltaqgħu mal-Kunsill fuq bażi regolari, liema laqgħa ser tibda issir qabel il-laqgħa tal-Kunsill u tkun imxandra live fuq il-pjattaforma uffiċjali tas-social media tal-Kunsill.

## 14.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri.

14.4.1 Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet, is-Sindku Dean Hili għadda għall-item li kien imiss.

## 14.5 Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet.

14.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg ippreżenta lill-Kunsill:

- **Internal Memo 36/2020** - Lista ta' works orders maħruġa bejn laqgħa referenza 13/K8/20 u 14/K8/20 **(Dok. 1)**

14.5.2 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-**Internal Memo 36/2020** dwar works orders maħruġa bejn laqgħa u oħra, fejn ippropona r-ratifikazzjoni tagħhom, liema works orders inħarġu skond l-esiġenzi li kellu l-Kunsill.

14.5.3 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

14.5.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 14.6 Performance report tas-Segretarju Eżekuttiv u l-impjegati klerikali.

14.6.1 Is-Sindku Dean Hili ippropona li s-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg jingħata l-full performance bonus ta' 10% kif intitolat għalih skond il-ftehim kollettiv. Il-kelliem ippropona ukoll li abbażi tar-rapport tas-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg, l-impjegati klerikali Alison Grixti għandha tingħata l-full performance bonus ta' 6% kif intitolata għalih skond il-ftehim kollettiv, filwaqt li l-iskrivana Charmaine Sciberras għandha tingħata 3% performance bonus skond il-ftehim kollettiv.

14.6.2 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

14.6.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 14.7 Tiġdid ta' tenders:

- **01/2018 - Work, Repairs and Reconstruction of Civil Works**
- **03/2018 - Upkeep maintenance and attendance of Public Conveniences**
- **PLC/EoI/01/2019 - Servizz ta' Librara**
- **EOI - Ġbir ta' WEEE għar-riċiklaġġ mid-djar**
- **EOI - Ġbir ta' skart għar-riċiklaġġg mid-djar u mill-bring in sites**
- **PLC/K/01/2019 - Maid services**

14.7.1 Is-Sindku Dean Hili ippropona li:

- It-Tender **01/2018 - Work, repairs and reconstruction of civil works** li ser jiskadi fit-30/06/2021 għandu jiġġedded b'sena oħra kif jistipula l-kuntratt;
- It-Tender **03/2018 - Upkeep maintenance and attendance of Public Conveniences** li ser jiskadi fit-30/06/2021 għandu jiġġedded b'sena oħra kif jistipula l-kuntratt;
- Il-kuntratt **PLC/EoI/01/2019 – Servizz ta' Librara** li ser jiskadi fit-30/04/2021 għandu jiġġedded b'sena oħra kif jistipula l-kuntratt;
- Il-kuntratt **EOI - Ġbir ta' WEEE għar-riċiklaġġ mid-djar** li ser jiskadi fit-22/06/2021 għandu jiġġedded b'sena oħra kif jistipula l-kuntratt;
- Il-kuntratt **EOI - Ġbir ta' skart għar-riċiklaġġg mid-djar u mill-bring in sites** li ser jiskadi fit-30/04/2021 għandu jiġġedded b'sena oħra kif jistipula l-kuntratt;
- Il-kuntratt **PLC/K/01/2019 – Maid services** li ser jiskadi fit-30/06/2021 għandu jiġġedded b'sena oħra;

14.7.2 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

14.7.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 14.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti.

14.8.1 Is-Sindku Dean Hili ippreżenta l-iskeda tad-dħul u ħruġ. **(Dok. 2, 3, 4 u 5)**

14.8.2 Wara li l-Kunsilliera raw u skrutinaw il-kontijiet ippreżentati, is-Sindku Dean Hili ippropona l-approvazzjoni tal-kontijiet kollha kif ippreżentata.

14.8.3 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

14.8.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 14.9 Mozzjonijiet.

14.9.1 Is-Sindku Dean Hili nforma li ma kienu daħlu ebda mozzjonijiet u għalhekk għadda għall-item li kien imiss.

## 14.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

14.10.1 Is-Sindku Dean Hili ippropona biex il-laqgħa li jmiss issir fil-5:00pm.

14.10.2 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

14.10.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

14.10.4 Il-laqgħa ntemmet fil-17:30pm u ġiet aġġornata għal Ħamis 28 ta' Jannar 2021 fil-5:00pm.

**Konfermati, illum 28 ta' Jannar, 2021**

**IFFIRMAT**

Avv. Dean Hili
**Sindku**

**IFFIRMAT**

Kevin Borg
**Segretarju Eżekuttiv**

**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

bokl

**Internal Memo Referenza 36/2020** **15 ta' Diċembru 2020**

# Lista ta' works orders li jinħtieġ li jiġu ratifikata bejn il-Laqgħa 13/K8/20 u 14/K8/20

| Referenza | | Kuntrattur | Xogħol ordnat |
|---|---|---|---|
| 166 | 2020 | Maltapost plc | Door to door distribution (public meeting) |
| 168 | 2020 | Mica Med | Lampa fil-ġnien Madre Teresa ta' Kalkutta min-naħa tat-Triq Napuljun Tagliaferro |
| 169 | 2020 | Ells' Urban Services | Patching in various roads |
| 170 | 2020 | Mica Med | Tirranġa lampa li tinsab fi Triq il-Profs Walter Ganado fuq il-ħanut Instastore |
| 171 | 2020 | Scan | Micro connect USB |

Kevin Borg
*Segretarju Eżekuttiv*

**Awtorizzazzjoni tas-Sindku Dean Hili sabiex tiġi ċċirkolata lill-Kunsilliera**

PEMBROKE

**Sindku** : Avv. Dean Hili **Viċi Sindku** : Omar Elaref Arab
**Kunsilliera** : Dr. Désirée Vella Brincat M.D, Charles Cesare u Raymond Lanzon

**Segretarju Eżekuttiv** : Kevin Borg